L-Erbgħa 11 ta' Mejju 2011

Artikolu 5

L-emendi neċessarji għall-adattament tar-rekwiżiti tal-Annessi I sa V biex jiġi kkunsidrat il-progress tekniku għandhom jiġu adottati skont il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 20(3) tad-Direttiva 2003/37/KE.

Artikolu 6

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-kamp kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 7

Id-Direttiva 76/432/KEE, kif emendata bid-Direttivi mniżżla fl-Anness VI, Parti A, hija mħassra, bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi mniżżla fl-Anness VI, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VII.

Artikolu 8

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Għandha tapplika minn […]

Artikolu 9

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

Il-pożizzjoni tas-sewqan u l-bibien u t-twieqi ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija ***I

P7_TA(2011)0214

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Mejju 2011 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ispazju għall-manuvrar, l-aċċess għall-pożizzjoni tas-sewqan u l-bibien u t-twieqi ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija (test kodifikat) (COM(2010)0746 – C7-0428/2010 – 2010/0358(COD))

(2012/C 377 E/41)

(Proċedura leġislattiva ordinarja – kodifikazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0746),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0428/2010),

L-Erbgħa 11 ta' Mejju 2011

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew tas-16 ta' Frar 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċellerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 86 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0096/2011),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali,

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) ĠU C 107, 6.4.2011, p. 76.
([2]) ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

P7_TC1-COD(2010)0358

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Mejju 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ispazju għall-manuvrar, l-aċċess għall-pożizzjoni tas-sewqan u l-bibien u t-twieqi ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija (Kodifikazzjoni)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 80/720/KEE ta' l-24 ta' Ġunju 1980 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardjaw l-ispazju għall-manuvrar, l-aċċess għall-pożizzjoni tas-sewqan u l-bibien u t-twieqi ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija ([3]) ġiet emendata kemm-il darba ([4]) b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmija Direttiva għandha tiġi kkodifikata.

([1]) ĠU C 107, 6.4.2011, p. 76.
([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Mejju 2011.
([3]) ĠU L 194, 28.7.1980, p. 1.
([4]) Ara Anness III, Parti A ta' din il-proposta.

L-Erbgħa 11 ta' Mejju 2011

(2) Id-Direttiva 80/720/KEE hija waħda mid-Direttivi separati li għandhom x'jaqsmu mas-sistema ta' l-approvazzjoni tat-tip KE prevista fid-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE, emendata skond id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/37/KE tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija, il-karrijiet tagħhom u makkinarju li jingibed u li jista' jinbidel, flimkien mas-sistemi tieghu, il-komponenti u l-unijajiet separati teknici u mid-Direttiva 74/150/KEE ([1]), u li stabbiliet preskrizzjonijiet tekniċi dwar disinn u kostruzzjoni għal tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija li jirrigwardjaw l-ispazju għall-manuvrar, l-aċċess għall-posizzjoni tas-sewqan u l-bibien u t-twieqi. Dawk il-preskrizzjonijiet tekniċi jikkonċernaw l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri sabiex jippermettu l-applikazzjoni tal-proċedura ta' l-approvazzjoni għal kull tip ta' trattur tat-tip KE prevista mid-Direttiva 2003/37/KE. Għalhekk, id-disposizzjonijiet stabbiliti mid-Direttiva 2003/37/KE dwar tratturi għall-agrikoltura u għall-foresterija il-karrijiet tagħhom u makkinarju li jingibed u li jista' jinbidel, flimkien mas-sistemi tieghu, il-komponenti u l-unijajiet separati teknici applikaw għal din id-Direttiva.

(3) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligazzjonijiet ta' l-Istati Membri dwar il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi mniżżla fl-Anness III, Parti B,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. Għall-fini ta' din id-Direttiva, "trattur" ifisser trattur kif iddefinit fl-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2003/37/KE.

Għall-fini ta' din id-Direttiva, il-kategoriji ta' tratturi li japplikaw huma dawk iddefiniti fl-Anness II tad-Direttiva 2003/37/KE.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-kategoriji ta' tratturi T1, T2, T3 u T4 kif iddefiniti fl-Anness II tad-Direttiva 2003/37/KE.

Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal tratturi tal-kategorija T4.3 fejn il-punt tal-indiċi tas-sit tas-sewwieq, kif misjub fl-Anness II tad-Direttiva 2009/144/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) huwa aktar minn 100 mm mill-wiċċ longitudinali medjan tat-trattur.

Artikolu 2

1. Fir-rigward ta' tratturi li huma konformi mar-rekwiżiti tal-Anness I, l-Istati Membri ma jistgħux jiċħdu l-approvazzjoni tat-tip KE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' trattur jew jiċħad ir-reġistrazzjoni jew jipprojbixxi l-bejgħ, ir-reġistrazzjoni, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' trattur fuq raġunijiet relatati ma':

(a) l-ispazju għall-manuvrar;

(b) l-aċċess għall-pożizzjoni tas-sewqan (mezz ta' dħul u ħruġ);

(c) il-bibien u t-twieqi.

2. Stati Membri jista' jirrifjuta li joħroġ approvazzjoni tat-tip nazzjonali fir-rigward ta' tip ta' trattur, li l-ispazju għall-immanuvrar, l-aċċess għall-pożizzjoni tas-sewqan, il-bibien u t-twieqi tieghu li ma jkunux konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

Artikolu 3

L-emendi li jkunu meħtieġa għall-addattazzjoni tal-ħtiġiet ta' l-Anness I għall-progress tekniku għandhom ikunu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 20(3) tad-Direttiva 2003/37/KE.

([1]) ĠU L 171, 9.7.2003, p. 1.
([2]) ĠU L 27, 30.1.2010, p. 33.

L-Erbgħa 11 ta' Mejju 2011

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 5

Id-Direttiva 80/720/KEE, kif emendata mid-Direttivi msemmija fl-Anness III, Parti A hi mħassra, bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi mniżżla fl-Anness III, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

Artikolu 6

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 7

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula …

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

L-istrutturi ta' protezzjoni fil-każ ta' qlib immuntat fuq in-naħa ta' wara tat-tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija ta' karreġġata dejqa ***I

P7_TA(2011)0215

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Mejju 2011 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istrutturi ta' protezzjoni fil-każ ta' qlib immuntati fuq in-naħa ta' wara tat- tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija ta' karreġġata dejqa (test kodifikat) (COM(2010)0510 – C7-0290/2010 – 2010/0264(COD))

(2012/C 377 E/42)

(Proċedura leġislattiva ordinarja – kodifikazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0510),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0290/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,